Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 12/16

**AVVIŻI**

**20 ta' Marzu 2016**

Illum hemm *Bazaar* fil-*crying room* b'risq il-Festa Titulari. Minbarra l-oġġetti tas-soltu jkun hemm il-figolli għall-bejgħ.

Inħeġġu lil kulħadd biex din il-Ġimgħa Mqaddsa ngħadduha pass pass ma' Ġesù flimkien mal-Knisja. Tistgħu issibu programm dettaljat fuq in-*noticeboards*, f'Leħen il-Parroċċa u fuq is-sit www.parroccaburmarrad.com. Mal-quddiesa ta' filgħaxija tat-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa ssir preparazzjoni għat-Tridu tal-Għid. Huwa importanti li nimpenjaw ruħna u nattendu (l-aktar dawk li sa jagħtu xi servizz waqt il-jiem imqaddsa tal-Għid).

Nhar Ħamis ix-Xirka filgħaxija jsir pellegrinaġġ lejn sebgħa knejjes fejn isiru l-Viżti. Min jixtieq jattendi għandu jibbukkja sa nhar it-Tnejn.

Din hija l-Ġimgħa ta' sagrifiċċju li fiha niftakru f'ħutna fil-bżonn. Id-donazzjonijiet fil-kaxxa ta' ħdejn il-bieb tal-Knisja jmorru għas-Servizzi ta' Assistenza Soċjali tal-Knisja.

Nhar il-Ħadd li ġej naqilbu għall-ħin tas-sajf u għalhekk il-quddiesa ta' filgħaxija tibda tkun fis-7pm.